MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

## (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru 429/2010

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Michael Mizzi ta' 52 sena iben Paul u Mary nee' Cassar, imwieled Gharb Ghawdex nhar it-03 ta' Dicembru 1961, residenti fil-fond No.20 Don Bosco, Triq Santu Pietru Gharb Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' 55661(G)**

**U**

**Jacob Paul Mizzi ta' 28 sena iben Michael u Annunziata nee' Mizzi, imwieled Rabat, Ghawdex nhar is-26 ta' Dicembru 1985, residenti fil-fond No.20, Don Bosco, Triq Santu Pietru, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita numru 1186(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Michael u Jacob Mizzi li gew akkuzati talli nhar id-09 ta' Ottubru 2008 gewwa d-Dwejra limiti ta' San Lawrenz Ghawdex u postijiet ohra gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti;

Lil Michael Mizzi wahdu talli:

1. Bhala persuna li kellu licenzja u operatur ta' centru tal-ghads naqas li jzomm records relattivi fir-rigward tal-persuna ta' Damian Schembri li ghamlet uzu mis-servizzi tac-centru tal-ghads tieghu.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi halla lil Damian Schembri jghodos minghajr ma talbu jimla l-karti kollha mehtiega bil-ligi kif ukoll naqas milli jitlob lil Damian Schembri dikjarazzjoni dwar l-istat ta' sahhtu jew certifikat mediku.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jipprovdi fuq id-dingy kaxxa ta'l-ewwel ghajnuna mghammra sabiex joffri l-ewwel ghajnuna lill-klijenti u cioe' lil Damian Schembri.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala detentur tal-licenzja u operatur ta' centru tal-ghads halla lil certu Jacob Mizzi, li mhux ghalliem kwalifikat u registrat jiehu lil Damian Schembri jghodos liema persuna ma kenitx iccertfikata biex tghodos wahediha.

Lil Jacob Mizzi wahdu talli:

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li ma kenitx ikkwalifikata sabiex takkompanja persuni illi ma kenux iccertifikati sabiex

jaghmlu ghads wahedihom, akkompanja lil Damian Schembri persuna li ma kenitx iccertifikata tghodos wahediha.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat:

Illi fuq il-fattispecje ta' dana il-kaz ma hemmx wisq kontestazzjoni. Jidher illi l-imputati kienu hbieb ma' certu avukat Damien Schembri li kien ukoll jaqdiehom professjonalment. Schembri kellu id-delizju tal-ghads u billi l-imputati kellhom hanut tal-ghads, huwa spiss kien imur maghhom jaghmel xi 'dive'. Ghall-ewwel huwa kien ihallas bhal kwalunkwe klijent iehor, izda wara nibtet hbiberija bejnu u l-imputati u ghalhekk huwa beda imur ighodos maghhom bhala hbieb. L-apparat ghall-ghadsa kien jingieb mill-hanut ta'l-imputat Michael Mizzi. Illi fil-jum ta'l-incident jidher illi Schembri kien miftiehem mal-imputat Jacob Mizzi sabiex jaghmlu *dive* gewwa d-Dwejra. Jacob Mizzi ghalhekk ipprepara l-apparat kollu mehtieg, libsu dana it-tghamir u nizzlu il-bahar. Jidher illi meta kienu fond ta' iktar minn 30 metru, Schembri beda jirriskontra diffikulta biex jiehu in-nifs. Ghalhekk ghamel sinjal lil Jacob li kien bla arja u kien donnu ser jirremetti. Schembri ried jinza' c-comb u jonfoh il-gakketta biex jitla' izda Jacob ma halliehx u beda jtellghu bil-mod ghalkemm b'certu heffa minhabba l-urgenza. Meta kienu qrib il-wicc l-imputat Jacob Mizzi induna li Schembri ma bediex jiehu in-nifs u fil-fatt miet.

Illi mir-risultanzi ta'l-inkjesta magisterjali li saret johrog illi l-imputati ma kenux jahtu ghal mewt ta'l-avukat Schembri billi irrizulta illi l-Avukat kellu kundizzjoni medika li kien ilu afflitt minnha ghal numru ta' snin li x'aktarx accellerat il-mewt tieghu waqt li kien qed joghdos. Fil-fatt jidher illi Schembri kien ibati minn azma kronika u kien anke jiehu medikazzjoni kontinwa ghal dina l-kundizzjoni. Ghalkemm kien jaf bir-riskju li kien qed jinkorri, l-Avukat xorta wahda baqa' imur joghdos u qatt ma informa lill-imputati dwar dina il-kundizzjoni medika. L-espert Dr. Mario Saliba fil-fatt fir-rapport tieghu jikkonkludi illi din hija wahda mill-kundizzjonijiet medici li meta tkun serja tirrendi lil dak li jkun mhux tajjeb biex joghdos.

Illi maghdud dana kollu, madanakollu, mill-*in genere* irrizultaw *prima facie* certu nuqqasijiet u non osservanza tal-ligijiet u regolamenti da parti ta'l-imputati u ghalhekk huma gew akkuzati bil-ksur tar-regolamenti dwar Provdituri tas-Servizz ta'l-Ghads Rikreattiv, Avviz Legali 153 ta'l-2004, liema avviz legali illum gie sostiwit bl-Avviz Legali 359 ta'l-2012.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-konkluzjonijet raggunti mill-espert Dr. Mario Saliba li fir-rapport tieghu ighid hekk:

"Michael Mizzi bhala direttur tal-ghads kiser ir-Regolamenti tal-2004 dwar Provdituri tas-Servizz ta'l-Ghads Rikreattiv billi:

- Naqas li jzomm records relattivi fir-rigward tal-persuni li jaghmlu uzu mis-servizz taghhom.
- Halla lil Damien joghdos minghajr ma talbu jimla l-karti kollha mehtiega bil-ligi skont l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.
- Naqas milli jitolbu dikjarazzjoni dwar l-istat ta' sahha jew certifikat mediku.
- Halla lit-tifel Jacob, li mhux ghalliem kwalifikat u registrat, jiehu lil Damien joghdos.
- Naqas li jipprovdi fuq id-dingy kaxxa ta'l-ewwel ghajnuna u unit ta' emergenza ghall-ossiginu b'kapacita li jqassam mill-inqas 15-il litru kull minuta ta' ossignu pur ghal mill-anqas 20 minuta.

L-espert jikkonkludi ukoll illi Schembri ma setax imur joghdos ma' l-imputat Jacob Mizzi peress illi dan ma kienx certifikat bhala ghalliem tal-ghads. Irrizulta mix-xhieda migbura mill-espert illi Jacob kien kwalifikat bhala Rescue Diver mal-PADI u gie esebiet certifikat f'dana s-sens. Irrizulta ukoll illi l-imputat Jacob Mizzi kien ghamel il-kors ta' DiveMaster imma ma kellux certifikat f'dana ir-rigward u dana ghaliex kien fadallu jaghmel il-kors ta'l-ewwel ghajnuna mal-Ghaqda tas-Salib l-Ahmar. Il-ligi timponi obbligu fuq kull ghaddas li mhux ghaddas indipendenti li ikun akkompanjat minn ghalliem ta'l-ghads registrat, haga li Jacob Mizzi ma kienx."

Illi d-difiza targumenta illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova dwar dawn in-nuqqasijiet izda strahet biss fuq ir-rapport ta'l-espert nominat fl-inkjesta. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur, irrizulta mix-xhieda ta' Dr. Joseph Grech rappresentant tal-Malta Tourism Authority illi ma kienet inharget l-ebda licenjza ghall-centru ta' ghads rikreattiv f'isem l-imputati jew l-Avukat Damien Schembri. Illi dana jammetuh l-imputati stess kemm fix-xhieda li jaghtu fl-inkjesta, kif ukoll meta jixhdu fil-Qorti, kif jammettu in-nuqqasijiet kollha elenkati mill-espert fil-konkluzjonijiet tieghu. Huma iressqu bhala gustifikazzjoni zewg fatturi. Fl-ewwel lok ighidu illi Schembri kien imur joghdos maghhom bhala habib u mhux klijent u fit-tieni lok isostnu illi huma ma kellhomx licenzja ghal centru tal-ghads billi kellhom kawza pendenti mal-Malta Tourism Authority u kien ghalhekk illi l-licenzja kienet ghadha ma inhargitx. Ciononstante, madanakollu, l-imputati xorta wahda hassew illi kellhom jibqghu miftuha u jinzlu jaghmlu l-ghads rikreattiv ghalkemm ma kellhomx licenzji f'dana ir-rigward. Illi ghalhekk dina l-linja difensjonali ser tigi respinta billi fl-ewwel lok il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn ghads li isir mal-hbieb jew mal-klijenti u fit-tieni lok gialadarba ma kienx ghada inharrget licenzja valida skond il-ligi, l-imputati ma kellhomx jazzardaw joperaw id-delizju tal-ghads ma' terzi bi ksur lampanti tar-regolamenti kollha kontenuti fl-avviz legali.

Illi fl-ahharnett id-difiza targmenta ukoll illi l-imputat Michael Mizzi gie akkuzat taht id-disposizzjonijiet zbaljati tal-ligi billi huwa ma kellux licenzja biex jopera ic-centru tal-ghads u kwindi semmai kellu jigi akkuzat taht id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 3 tal-Avviz Legali li jipprovdi:

"L-ebda persuna ma ghandha topera jew thalli li issir l-operazzjoni ta' centru ta'l-ghads kemm il-darba ma jkunx hemm licenza valida ghal dak l-iskop mahruga mill-Awtorita`."

Billi allura l-imputat ma kellux tali licenzja huwa qatt ma seta' jigi akkuzat fil-kwalita tieghu ta' persuna b'licenzja billi ir-regolament 2 ta'l-Avviz Legali taghti bhala tifsira lil persuna li jkollha licenza, persuna jew entita li f'isimha giet mahruga licenzja mill-Awtorita biex tipprovdi servizz ta'l-ghads rikreattiv. Kwindi billi l-imputat ma kellux tali licenzja huwa qatt ma seta jaqa' taht dina id-definizzjoni kif moghtija il-ligi.

Illi l-qorti tistqarr illi id-difiza hawnhekk ghandha ragun billi il-ligi hija cara meta timponi regoli li ghandu isegwi il-bniedem **<u>illicenzjat</u>** biex imexxi centru tal-ghads. Madankollu il-ligi timponi ukoll dawn l-obbligi fuq l-operatur tac-centru tal-ghads li fir-regolament 2 tinkludi l-persuna jew entita li attwalment tmexxi jew topera c-centru tal-ghads, haga li indubbjament kien qed jaghmel l-imputat Michael Mizzi ghalkemm kien ghadu qed jistenna l-hrug ta' licenzja valida skond il-ligi.

Illi fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq premess il-Qorti hija tal-fehma illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat jirrizultaw ampjament ippruvati billi ghalkemm l-avukat Schembri kien habib ta'l-imputati huma xorta wahda kellhom id-dmir li josservaw il-ligi f'rikreazzjoni li tinvolvi riskji kbar.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tistqarr illi ma ghandhiex dubbju illi l-ebda piena li tista’ tinfliggi fuq l-imputati ma hija ser tkun ikbar mill-piena li igorru maghhom ta’ kuljum minhabba t-telfa tal-habib taghhom waqt ghadsa li saret taht ir-responsabbilta’ taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(2)(c), 13 21 u 28 ta’l-Avviz Legali 153 ta’l-2004, l-Ewwel Skeda u ir-regolament 3 u 5 tat-tieni skeda ta’l-Avviz Legali 153 ta’l-2004, issib lill-imputati hatja ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, tikkundanna lill-imputat Michael Mizzi multa ta’ erba’ mitt ewro (€400) u lill-imputat Jacob Mizzi multa ta’ mitt ewro (€100).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------